MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1361/2002/1

**Raymond Gatt fil-Kapacita' tieghu ta' Stralcarju tas-socjeta' Continental Postform Ltd**

**Vs**

**Domestica Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1163.25) rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh mis-socjeta Continental Postform Ltd lill-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2001 u debitament notifikata fit-30 ta' Jannar 2001, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika fuq imsemmija kontra s-socjeta konvenuta, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenutaipprezentata fl-10 ta' Gunju 2002, fejn gie eccepiet illi t-talba qieghda tigi ikkontestata ghaliex:
1. hija preskritta a tenur ta'l-artikolu 2148(b), kif ukoll a tenur ta'l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.
2. l-ammont mhuwiex dovut u fil-fatt l-attur nomine ghadu jipprova li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet imhollija sine die. Ra r-rikors tas-socjeta attrici ta'l-10 ta' Dicembru 2002 u id-digriet relattiv fejn il-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u senjatament l-*istatement* ipprezentat mill-attur nomine immarkat bhala Dokument CB1 a fol.22 sa 25 tal-process, kif ukoll l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001 u ir-riferta relattiva li iggib id-data tat-30 ta' Jannar 2001, immarkata bhala Dokument RG1.

Ra illi l-ebda provi ulterjuri ma gew prodotti in sostenn ta'l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Ra l-verbal tad-19 ta' Jannar 2004, fejn l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta konvenuta qieghda fl-ewwel lok tecepixxi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni bid-dekors tat-tmintax-il xahar spettanti lill-kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti u affarijiet ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Illi minn ezami tad-dokumenti esebieti, u senjatament l-*istatement* Dokument CB1, jirrizulta illi din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz in dizamina stante illi jidher illi s-socjeta konvenuta kienet tixtri ammonti zghar ta' injam minn ghand s-socjeta Continental Postform Limited skond il-bzonnijiet taghha u ghalhekk dana ma huwiex xi tip ta' bejgh bil-grossa (wholesale) li ghalih certament hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin. (ara sentenza

Emanuel Micallef pro.et.noe. vs Francis Mercieca – Qorti ta’l-Appell – 26.05.1967).

Illi ghar-rigward tal-fatti tal-kaz, ghandu jinghad illi ma tressqu l-ebda xhieda *viva voce*, ghajr ghal zewg dokumenti esebieti mis-socjeta attrici konsistenti fl-*istatement* u l-ittra ufficjali li serviet sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni.

Illi minn ezami ta’ dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-ahhar pagament li gie effettwat mis-socjeta konvenuta igib id-data tat-28 ta’ Awissu 1995. Illi l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-25 ta’ Jannar 2001 u notifikata lis-socjeta konvenuta fit-30 ta’ Jannar ta’l-istess sena. Illi ma jirrizultax illi nel frattemp kien hemm xi fatturi ohra li setghu b’xi mod jinterrompu l-preskrizzjoni jew jissosspendu l-istess u ghalhekk ma hemmx dubbju illi kienu ghaddew iktar minn tmintax-il xahar meta gie interrott il-perijodu preskrittiv ta’l-azzjoni.

Illi inoltre fit-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta jirrizulta illi hija qieghda tikkontendi illi m’hijiex debitrici ta’l-attur nomine peress illi l-ebda ammont ma huwa dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jiddikjara illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u ghalhekk ighaddi sabiex jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------